MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-25 ta' April, 2011

Numru 529/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Dunbuya Alassan**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Dunbuya Alassan ta' tletin (30) sena iben Madou Dubbuya u Salmata nee' Bita imwieled il-Kosta ta' Avorju fl-1 ta' Jannar 1981, detentur tan-Numru tal-Pulizija 08JJ-072, residenti f' Hal Far Centru Miftuh, Hal Far, Malta, talli fit-23 ta' April 2011 u x-xhur ta' wara, imbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali ta' l-Imigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena u ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija kif ukoll ic-cirkostanzi difficli li ghaddej minnhom l-istess imputat;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fil-fehma tal-Qorti jissussistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car li jekk huwa jaghmel reat iehor matul il-perijodu ta' libertà kundizzjonata huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------